# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 24 ta' Novembru, 2016**

Kawza Numru: 769/2013JB

Numru:

**Silvana Gandolfo Mazza (K.I.: 57512A)**

***vs***

**Arriva Malta Limited (C48875)**
**u b'digriet tal-15 ta' April 2015 l-isem tas-socjeta konvenuta gie mibdul ghal Malta Public Transport Services (Operations) Limited**

It-Tribunal,

Ra t-talba prezentata (fir-Registru ta' dan it-Tribunal gewwa l-Gzira ta' Ghawdex) nhar is-26 ta' Settembru 2013 fejn ghar-ragunijiet hemm premessi, l- Attrici talbet li s-Socjeta Konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' tlitt elef, erba' mija u erbgha u disghin euro u sitt centezmi (€3,494.06) liema somma tirraprezenta spejjez medici, legali u danni li l-Attrici sofriet kemm psikologiment kif ukoll fizikament b'konsegwenza ta' incident li sar fl-1 ta' Frar 2012 wara li rikbet xarabank tal-linja bin-numru BUS072 mill-Ajruport direzzjoni lejn ic-Cirkewwa u x-xufier kien qieghed isuq b'manjiera perikoluza, b'velocita qawwija hafna u kien qed jaghmel uzu tat-telefon cellulari fejn f'xi hin waqt li kien ghaddej mill-vicinanzi tal-mini ta' Santa Venera, hasad il-brejk b'rizultat li l-passiggieri hadu skoss qawwi u l-Attrici weggghet serjament;

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tal-1 ta' Novembru 2013 (a fol 7);

Ra li s-Socjeta Konvenuta laqghet ghal din l-azzjoni billi nhar l-20 ta' Novembru 2013 ipprezentat risposta (a fol 9) li permezz taghha eccepiet dan li gej:

1. Preliminarjament, il-*privilegium fori ai termini* tal-Art. 767 tal-Kap 12;

2. Illi preliminarjament ukoll, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-Socjeta Konvenuta mhijiex il-legittimu kontradittur;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, la s-Socjeta Konvenuta u l-ebda wiehed mill-impjegati taghha ma huma responsabbli ghall-incident in kwistjoni;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Attrici trid tipprova d-danni realment subiti minnha;

   Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra s-sentenza moghtija mit-Tribunal, diversament presedut, nhar it-18 ta' Novembru 2013 (a fol 16) fejn iddispona mill-ewwel eccezzjoni tas-Socjeta Konvenuta billi laqaghha, fis-sens illi fil-waqt illi waqaf milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz fis-sede ta’ Ghawdex, baghat l-atti tal-kawza lir-Registratur sabiex a spejjez tal-attrici, tigi assenjata u appuntata ghas-smiegh quddiem l-istess Tribunal diversament ppresedut gewwa l-gzira ta’ Malta, bl-ispejjes ta’ dik is-sentenza a karigu tal-Attrici.

Ra li l-kawza giet appuntata mill-gdid ghas-smiegh ghas-seduta tat-18 ta’ Frar 2014 (a fol 18);

Ra l-verbal tas-seduta tad-9 ta’ Dicembru 2014 (a fol 9) fejn il-kawza giet kancellata;

Ra d-digriet (a fol 13), fejn fuq rikors tal-Attrici (a fol 10) ordna li l-kawza tigi riappuntata ghas-smiegh;

Ra li l-kawza giet appuntata mill-gdid ghas-smiegh ghas-seduta tat-3 ta’ Frar 2015 (a fol 14);

Ra l-verbal tas-seduta tat-3 ta’ Frar 2015 (a fol 16) fejn fuq talba tal-Attrici, it-Tribunal awtorizza li isem is-Socjeta Konvenuta ghandu jaqra’ “Malta Public Transport Services (Operations) Limited” fil-waqt li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni preliminari;

Ra l-provvediment moghti mit-Tribunal, diversament presedut, nhar is-7 ta’ April 2015 fejn inghad hekk:

> It-TRIBUNAL iqis li biex taghmel sens din is-sentenza preliminari mitluba trid tqis it-tielet eccezzzjoni mressqa “minghajr pregudizzju ghas-suespost” li “la s-socjeta’ konvenuta u l-ebda mill-impjegati taghha ma huma responsabbli ghall-incident in kwistjoni.” Dan ifisser li l-istess Socjeta’ Konvenuta qed tintroduci “impjegati taghha” ghalkemm m’hemmx xi talba formali ta’ sejha fil-kawza.
>
> It-TRIBUNAL iqis bhala pass logiku li l-Qorti ghandha tiddeciedi u qed tiddeciedi li l-kawza tigi differita ghall-udjenza tal-28 ta’ April 2015 biex jissokta dwar il-mertu tal-allegat incident li wassal ghat-Talba Attrici.

Ra r-rikors prezentat mis-Socjeta Konvenuta nhar it-13 ta’ April 2015 (a fol 21) fejn talbet awtorizazzjoni sabiex tappella minn dik id-decizjoni;

Ra d-digriet tal-15 ta’ April 2015 (a fol 22) fejn laqa’ t-talba;

Ra s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-13 ta’ April 2016 fejn il-Qorti cahdet l-appell bl-ispejjez kontra s-Socjeta Konvenuta appellanti u billi qieset li l-appell

kien fieragh, ikkundannat lill-istess appellanti sabiex thallas l-ispejjez tal-appell ghal darbtejn. Il-Qorti ordnat li l-atti jintbaghatu lura quddiem dan it-Tribunal sabiex jissokta bis-smiegh tal-kawza;

It-Tribunal jirrileva li fis-sentenza taghha, il-Qorti tal-Appell irriteniet kif gej:

> Il-qorti tibda biex tosserva li jidher li l-appellanti qeghda (sic) tappella minn provvediment u mhux minn sentenza. Fl-ordni li nghatat mit-Tribunal fis-7 ta' April 2015 m'hemmx dikjarazzjoni espressa li t-Tribunal jichad it-tieni eccezzjoni. Sahansitra lanqas ma pprovda dwar l-ispejjez ta' dik l-eccezzjoni. Is-socjeta appellanti ghazlet li tharrek lis-socjeta appellanti. Ma tistax a priori tigi eskluza r-reponsabbilta tal-appellanti qabel jinstemghu l-provi. Fil-fatt mill-atti jirrizulta li s'issa ma nstemghux provi. Dan apparti li jekk mill-provi jirrizulta li filfatt l-appellata wegghet (sic) waqt li kienet riekba fuq xarabank ta' Arriva Malta Limited u waqt li kienet qeghda tinstaq minn xufier impjegat mill-istess socjeta, kif tajjeb qalet l-appellanti r-rimedju taghha m'huwiex bilfors biss kontra x-xufier.

Ra l-verbal tas-seduta tat-13 ta' Gunju 2016 (a fol 26) fejn it-Tribunal prevja li gie mgharraf bl-ezitu tas-sentenza tal-appell, iddiferixxa l-kawza ghall-provi;

Sema' x-xhieda;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Sema' t-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Ra li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum;

Ikkunsidra;

Illi din il-kawza titratta danni allegatament sofferti mill-Attrici waqt li kienet passiggier fuq xarabank tal-linja tas-Socjeta Konvenuta. Is-Socjeta Konvenuta laqghet ghal din l-azzjoni billi ressqet erba' eccezzjonijiet. L-ewwel, dik li tirrigwarda fejn kellha tinstema' din il-kawza giet sorvolata bi provvediment tat-18 ta' Novembru 2013 (a fol 16). Minkejja li nghata provvediment iehor, u cjoe dak tas-7 ta' April 2015, l-ebda eccezzjoni ohra ma giet deciza, kif irriteniet il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza taghha tat-13 ta' April 2016. Isegwi ghalhekk li jmiss lit-Tribunal jiddeciedi din il-kawza a bazi tat-talba u tal-eccezzjonijiet kollha salv l-ewwel wahda, ormai sorvolata;

Ikkunsidra;

Illi mill-assjem tal-provi jirrizulta dan li gej:

Fl-affidavit taghha (a fol 29), l-Attrici tghid li nhar l-1 ta' Frar 2012 qabdet il-karozza tal-linja, flimkien ma' zewgha, mill-Ajruport direzzjoni lejn ic-Cirkewwa. Tghid li x-xufier kien qieghed isuq b'mod perikoluz. Hi tghid li f'daqqa wahda x-xufier kiser f'daqqa u ha brejk biex jevita karozza u bosta passiggieri spiccaw fl-art. L-Attrici tghid li hi ppruvat izzomm b'idejha u ndarbet tant li subghajha beda jintnefah hafna. Tghid li kif waslu c-Cirkewwa u qabdu l-vapur, baqghu sejrin gewwa l-Isptar Generali ta' Ghawdex peress li ma setghetx tissaporti l-ugiegh. Sadanittant subghajha kompla jintnefah tant li kellhom jaqtghu curkett li kellha f'subghajha. Tghid li marret taghmel rapport ghand il-Pulizija. Tghid li minhabba dan l-incident ma setghetx tahdem u kellha timpjega persuna sabiex tahdem minflokha fir-*restaurant* li tiggestixxi fix-Xlendi. Lil din hallsitha €1,400. Tghid li meta marret ghand

specjalista dan qalilha li ghad li ma kellhiex ksur, subghajha kien se jiehu z-zmien biex ifiq. Tghid li bhala spejjez hemm dawk tal-medicina izda ma zammitx ricevuti, imbaghad hemm l-ispejjez legali. Tghid li sussegwentement segwiet korrispondenza bejnha u s-Socjeta Konvenuta izda giet mgharrfa li x-xufier kien ta verzjoni kunfliggenti u ghalhekk ma kienx hemm ammissjoni ta' responsabilita.

In kontro-ezami (a fol 93), l-Attrici stqarret li waslet ghac-cifra ta' €3,494.06 peress li b'rizultat tal-incident kellha ddahhal impjegata tahdem maghha. Tghid li din l-impjegata thallset is-somma ta' €1,400. Il-bqija kienu medicini u terapija u stress. Hi tghid li hekk kif waslu c-Cirkewwa, kienet avvicinat lix-xufier u dan qalilha biex taghmel li ghandha taghmel. Tghid li b'rizultat tal-incident, ma garrbitx ksur izda ntnefhilha subghajha.

Zewg l-Attrici, Rosario Francesco Paolo Gandolfo permezz ta' affidavit (a fol 54), ikkonferma l-verzjoni ta' martu;

Gaetana Scicolone (a fol 55) xehdet li certu Loredana Buonacuore marret tahdem ghal xi zmien qasir fir-*restaurant* tal-Attrici.

Da parti taghha, is-Socjeta Konvenuta ressqet zewg xhieda, Benjamin Cutajar u Mohsen Bitajjeb.

Cutajar stqarr (a fol 60) li l-vjagg mertu tal-kawza kien ghamlu proprju Mohsen Bitajjeb. Bitajjeb stqarr (a fol 62) li kull ma jaf dwar l-incident, sar jafu zmien wara. Jghid madankollu, li fit-triq mill-Ajruport ghac-Cirkewwa, hekk kif wasal hdejn ir-*roundabout* tal-Kappara waqt li kien ghaddej b'madwar 30km fis-siegha, kien hemm vettura li kienet qed tinstaq b'lura. Ha brejk u halla l-karozzi jghaddu. Jghid li meta wasal ic-Cirkewwa hadd ma qallu xejn. In kontro-ezami, jghid li hu gie mitkellem dwar l-incident madwar tlitt xhur wara.

Ikkunsidra;

Illi qabel xejn jehtieg li tigi sorvolata t-tieni eccezzjoni u cjoe dik tal-legittimu kuntradittur;

Illi kif irriteniet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha fil-kawza odjerna, "*jekk mill-provi jirrizulta li fil-fatt l-appellata weggghet waqt li kienet riekba fuq xarabank [tas-Socjeta Konvenuta] u waqt li kienet qeghda tinstaq minn xufier impjegat mill-istess socjeta… r-rimedju taghha m'huwiex bilfors biss kontra x-xufier*". Issa mill-assjem tal-provi rrizulta car li l-kawza tirrigwarda incident li allegatament sar fuq xarabank tas-Socjeta Konvenuta waqt li dan kien qed jinstaq minn impjegat taghha – fatt konfermat minn Benjamin Cutajar. F'ghajnejn it-Tribunal bejn il-kontendenti hemm relazzjoni kuntrattwali li nibtet hekk kif l-Attrici akkwistat il-biljett tan-nol. Ghalhekk, din l-eccezzjoni ma tregix u se tigi michuda;

Ikkunsidra;

Illi sorvolata t-tieni eccezzjoni, imiss li jigu trattati t-tielet u r-raba' eccezzzjonijiet u cjoe dik tar-responsabbilita u dik tal-prova tad-danni, liema eccezzjonijiet se jigu trattati flimkien.

Illi fil-waqt li mill-assjem tal-provi jidher li matul il-vjagg in dizanima kien hemm incident mhux tas-soltu – tant li x-xufier kien kapaci jirrakontah xhur wara li sehh meta baghtu ghalih mill-ufficcju wara li kien sar rapport – it-Tribunal iqis li dak li qed tallega l-Attrici mhuwiex verosimili. Bir-rispett kollu, kieku kien minnu li l-incident ta lok ghal kaos kif qed jigi

allegat, l-Attrici ma kienetx tistenna li tasal Ghawdex sabiex tirrikorri ghall-kura, kif lanqas ma kienet tistenna li tasal Ghawdex sabiex taghmel rapport mal-Pulizija.  Hu ben risaput li fic-Cirkewwa hemm facilitajiet sija tas-Socjeta Konvenuta kif ukoll tal-Pulizija.  Fuq kollox, anke li kieku ma kienx hemm dubju dwar ir-responsabilita, il-mod kif qed tigi sostanzjata t-talba ma jaghtix lok ghal kundanna kontra s-Socjeta Konvenuta.  Hu ben risaput li in materja ta' risarciment ta' danni, id-danneggjat ghandu jedd ghal *damnum emergens* u *lucrum cessans* u kwindi jrid jippova t-telf li sofra b'dan ir-rigward.

Fil-kaz odjern, ma jidhirx li l-Attrici qed tallega xi dizabilita permanenti u qed titlob biss risarciment tal-ispejjez li kellha taghmel – *damnum emergens* – sabiex timpjega persuna fil-hanut taghha imbaghad ghal medicini, spejjez legali u stress.  Ghad li tressqet ricevuta tal-paga li thallset l-impjegata, jidher bic-car li l-impjieg kien irregolari.  Jekk xejn kellhom jingiebu s-soliti dokumenti li jinghataw minn min ihaddem lill-impjegati.  Fejn imiss ma' spejjez ohra, hu car li kellhom jingiebu provi almenu permezz ta' ricevuti.  L-uniku prova hija dik ta' €30 a fol 4 tal-process.

Imbaghad irid jinghad ukoll li mhuwiex accettabbli li wiehed sempliciment ifajjar cifra u jippretendi li tirraprezenta kumpens ghal stress.  Fuq kollox, wiehed irid izomm f'mohhu li l-gurisdizzjoni tat-Tribunal hija ghal *money claims*.  Fid-dawl ta' dan, it-Tribunal iqis li la r-responsabilita u wisq anqas l-allegati danni ma gew ippruvati u ghalhekk it-talba mhijiex misthoqqa fil-waqt li t-tielet u r-raba' eccezzjonijiet jimmeritaw li jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi, fil-waqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni stante li sorvolata billi nghata provvediment, jichad it-tieni eccezzjoni tas-Socjeta Konvenuta, jilqa' t-tielet u r-raba' eccezzjonijiet tas-Socjeta Konvenuta u konsegwentement jichad it-Talba attrici.  Spejjez kollha tal-proceduri, salv naturalment ghal dawk tal-proceduri quddiem il-Qorti tal-Appell, ghandhom ikunu a karigu tal-Attrici.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Adrian Pace
*Deputat Reġistratur*